

Brussell, 2 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11353/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0150 (COD)

AGRI 558
AGRIFIN 132
CODEC 1367

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fit-12 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat.

¹ 10328/26 + ADD 1.

3. Fil-15 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura approva l-ftehim milħuq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta² tal-Kummissjoni u awtorizza lill-Presidentza tiegħu jibgħat ittra lill-President tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) li tiddikjara li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata f'dik l-ittra, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Wara li l-plenarja approvat it-talba tal-Kumitat AGRI biex jipproċedi skont l-Artikolu 170 (proċedura urġenti) fis-16 ta' Ġunju 2026, il-Parlament Ewropew ser jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-7 ta' Lulju 2026. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew għandu jirrifletti l-ftehim imsemmi hawn fuq u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
5. Il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura huwa għaldaqstant mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 43/26³, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma li tinsab fl-ittra msemmija fil-paragrafu 3 ta' din in-nota, kif riveduta mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet; u
 - jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat. Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² 10440/26.

³ Disponibbli fi żmien debitu.